**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS 7 TA' MARZU, 2002

**Numru: 1**

**Avviz Nru: 1567/01 AE**

**Anthony Farrugia Company Limited**

**vs**

**Paul McKay**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mija u hames liri Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm105.71) prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konvenut.

Ra li l-konvenut ghalkemm debitament notifikat (fol. 20) naqas milli jikkontesta l-kawza u milli jidher ghas-seduti tal-20 ta' Frar 2002 u tal-lum.

Ra n-nota prezentata mis-socjeta attrici li permezz taghha rriduciet it-talba taghha ghas-somma ta' hamsa u hamsin lira Maltija u wiehed u sebghin centezmu (Lm55.71) stante hlas fil-mori ta' dawn il-proceduri.

Semgha lir-rapprezentant tas-socjeta attrici jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba kif ukoll li l-ammont kif ridott ghadu kollu dovut.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' hamsa u hamsin lira Maltija u wiehed u sebghin centezmu (Lm55.71), bl-imghax jibda jiddekorri sittin gurnata wara d-data tal-hrug ta' l-invoice li tinsab a fol. 5 tal-process.

L-ispejjez kollha (mhux inkluzi d-drittijiet legali) huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**